**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 020/2020**

18 ta' Novembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fit-3:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | – Sindku |
| Marco Agius | – Vici-Sindku |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| Noyah Spiteri Hammett | – Kunsilliera |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Melanie Agius Attard | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**20.1 Jum Bormla 2020**

20.1.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi s-seduta kienet issejhet wara li l-individwu li l-Kunsill Lokali kien ghazel sabiex jinghata Gieh Bormla 2020, kien informa lis-Sindku li ma kienx jixtieq illi jinghata l-imsemmi unur. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi ghaldaqstant il-Kunsill Lokali kellu jiddeciedi jekk jassenjax Gieh Bormla lil xi hadd iehor.

F'dan l-istadju il-Kunsilliera Melanie Agius halliet is-seduta ( 3:39p.m.)

20.1.2 Segwiet diskussjoni libera li matulha l-Kunsill Lokali ddecieda illi kellu jigi identifikat individwu sabiex jinghata Gieh Bormla 2020. Id-decizjoni, qablu maghha hames Kunsilliera bis-Sur James Cauchi jastjeni u jsostni illi l-astensjoni tieghu kienet ibbazata fuq il-fatt illu huwa kien jemmen illi fic-cirkostanzi, meta wiehed iqis il-pandemija Covid-19 u z-zmien qasir li kien hemm bejn id-decizjoni u Jum Bormla 2020, Gieh Bormla 2020 setghet tigi posposta ghall-futur. Is-Sindku min-naha taghha sahqet illi d-decizjoni li Gieh Bormla jinghata kienet tirrifletti decizjoni li l-Kunsill Lokali kien ha f'seduta precedenti li l-unur jigi assenjat.

20.1.3 Segwiet diskussjoni libera li matulha gie diskuss lil min kellu jinghata Gieh Bormla 2020. Is-Sur Marco Agius ressaq proposta sabiex Gieh Bormla 2020 jinghata lill-arcipriet, ir-Rev. Kan. Fr. Anton Cassar. Is-Sa Noyah Spiteri Hammett issekondat il-proposta tas-Sur Agius bil-voti jigu registrati fuq talba tal-Kunsillier Johann Scerri. Il-votazzjoni kienet is-segwenti:

Alison Zeraf Civelli – Favur
Marco Agius - Favur
Noyah Spiteri Hammett – Favur
James Cauchi - Favur
Martin Vella - Favur
Johann Scerri - Kontra

Is-Sur Johann Scerri sahaq illi huwa kien ivvota kontra mhux ghax kellu xi dubju dwar l-arcipriet izda ghaliex fl-opinjoni tieghu kien hemm individwi ohra li matul il-pandemija Covid-19 taw kontribut siewi lill-komunita' Bormliza.

Is-seduta giet fi tmiemha fl-4:25p.m. wara li giet ezawrita l-agenda.

Konfermati, illum <u>17 ta' Diċembru, 2020</u>

IFFIRMATA
___________________
**Alison Zerafa Civelli**
Sindku

IFFIRMATA
_______________________
**Duncan Hall**
Segretarju Eżekuttiv